MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 29/2004/3

Joe Cauchi Development Limited u
l-Avukat Dottor Carmelo Galea

vs

Registratur tal-Qorti,
u għal kull interess li jista' jkollhom,
Bruce u Akiko Zeitlin

Illum 19 ta’ Novembru 2010

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors li permezz tiegħu s-soċjeta ndikata u l-avukat Galea talbuha tordna lill-intimat Reġistratur tal-Qorti tintaxxa d-dritt spettanti lill-avukat Galea għall-kawża fl-ismijiet: **" Joe Cauchi Developmnet Limited vs Bruce Zeitlin et."** deċiża minn din il-Qorti fl-12 ta' Frar 2010, fit-termini tal-paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 u mhux kif attwalment inħadmet.

Għal din it-talba l-intimati Bruce u Akiko konjuġi Zeitlin eċċeppew preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*.

Id-deċiżjoni preżenti tittratta biss din l-eċċezzjoni.

Huwa minnu illi t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż maħruġa mill-intimat Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex għall-kawża imsemmija meħuda komplessivament għandha valur li jeżorbita l-limiti tal-kompetenza ta' din il-Qorti. Infatti dan ilaħħaq total ta' għoxrin elf seba' mija erba' u tmenin euro u tmintax-il ċenteżmu (EUR 20784.18).[1]

Madankolu r-rikorrenti preżenti mhumiex jattakkaw din it-taxxa fit-totalita' tagħha, imma biss dik il-parti li tittratta dwar id-dritt dovut lill-avukat Galea bħala legali tas-soċjeta' attriċi f'dik il-kawża. Billi dan id-dritt, skond l-istess parti tat-taxxa kontestata kien ilaħħaq is-somma ta' elfejn sitt mija u erbatax-il euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (EUR 2614.54), liema somma ma teċċedix il-limitu tal-kompetenza ta' din il-Qorti, ir-rikorrenti kienu korretti jintavolaw ir-Rikors tagħhom quddiem din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad din l-eċċezzjoni ta' inkompetenza, tħalli r-Rikors għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara taxxa annessa bhala Dok. A mar-rikors promoter .